

# Kongregazzjoni tal-Bona Morte

**Kitba ta' Lorenzo Zahra**

## Fil-Parroċċa tal-Qrendi

Fil-15 ta' Marzu 1678, Dun Duminku Formosa r-rettur tal-parroċċa u Anġlu Barbara, it-tnejn mill-Qrendi ressqu rikors fil-kurja f'isem il-poplu tal-Qrendi fejn qalu li huma miktuba f'kumpanija ta' rġiel u nisa, li joħorġu xi ħlasijiet kull l-ewwel Ħadd tax-xahar biex isiru tliet quddisiet kantati għal ruħhom kif isir f'parroċċi oħra. Għalhekk jixtiequ li din il-kumpanija tkun bħala kongregazzjoni cioé Konfraternita u li tkun imwaqqfa kanonikament bħala Konfraternita tal-Agunija skont il-Kostituzzjoni tal-Papa Klement VIII u li tgawdi mill-privileġġi u indulġenzi kollha mogħtija biex tkabbar id-devozzjoni.

Jidher li ma' din it-talba sar ukoll statut li fih din issejħet Kongregazzjoni tal-Mewt It-Tajba taħt it-titolu tas-SSmu. Kurċifiss biex tirregola t-tmexxija tagħha.

Hawn jissemmew l-obbligi li l-fratelli u s-Sorelli jgħidu tliet Pater Ave kuljum f'gieh it-tliet sigħat tal-Agonija ta' Ġesu' fuq is-Salib. Jissemmew ukoll l-obbligi li jħallsu biex dawn iservu għal elemosina tal-quddies. Riedu li waqt l-agunija tal-imseħbin issir espożizzjoni u talb fil-parroċċa minn Saċerdot liebes l-ispellizza u l-istola u li huma jieħdu sehem. Obbligaw irwieħhom li mal-mewt ta' msieħeb jgħarfu lill-kappillan biex issir quddiesa u talb għall-imsehbin mejtin. Kien hemm obbligi wkoll li kif ikunu jagħfu li xi msieħeb ikun f'agunija issir espożizzjoni għal passaġġ tajjeb u li jieħdu sehem fit-talb. Obbligaw irwieħhom ukoll li joffru elemosina lis-saċerdot kif ukoll lis-sagristan li jieħu ħsieb isir akkumpanjament tal-katavru tal-imsieħeb b'sitt torċi u li jsir id-daqq tal-qniepen.

Kellhom ukoll obbligi jieħdu ħsieb l-altar maġġur u li jikkontribwixxu għall- bżonnijiet tal- knisja u tal-opri tal-ħniena.

Riedu wkoll li jinżamm ktieb li jirreġistra lill-imseħbin u li l-prokuratur jara li jirċievi l-hlasijiet u jwettaq l-obbligi.

Din il-kongregazzjoni giet approvata fl-istess jum li tressqet it-talba, propju fil-15 ta' Marzu 1678.

Ref. AAM-Arkivju Mater Dei A/C vol. XXXIX p.290.



AL FRESCO

THE RESTAURANT FOR ALL THE FAMILY ALL TYPES OF PARTIES ACCEPTED

*For Good Food, Pizza and ... gluten free pizza available*

St. George's Bay, Birżebbuġa Tel: 2165 3422 and Mob: 79284321